MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 925/1997/1

**MA.RE.SI Shipping Limited**

**v.**

**Mediterranean Offshore**
**Bunkering Company Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' April, 1997 is-socjeta` attrici ppremettiet li

hija, bhala l-proprjetarja tal-vapur “Island Seaway”, akkwistat kwantita` ta’ fuel oil li kellu jintuza fuq il-vapur imsemmi u wara li gie akkwistat minghand is-socjeta` konvenuta u utilizzat parti zghira minnu biss irrizulta li kien ta’ kwalita` tant inferjuri li kkawza danni ingenti lill-istess vapur konsistenti dawn id-danni fl-ammont ta’ USD114.138, 50 li ghalihom hija responsabbli s-socjeta` konvenuta minhabba traskuragini, imperizja negligenza u nuqqas ta’ hila fl-ezercizzju tal-professjoni taghha stante li forniet fuel oil mhux ta’ kwalita` tajba; illi s-socjeta` konvenuta ma tridx taccetta li taghmel tajjeb ghal dawn id-danni u riparazzjonijiet u dan skond ma jirrizulta mill-kontro-protest ipprezentat mis-socjeta` konvenuta in risposta ghall-protest gudizzjarju presentat fil-12 ta’ Novembru 1995; illi ghalhekk is-socjeta` attrici ma kellhiex alternattiva ghajr li tistitwixxi dawn il-proceduri; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

a) tiddikjara li l-fuel oil provdut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici kien ta’ kwalita` hazina;

b) tiddikjara li hija, u cioe` s-socjeta` konvenuta, unikament responsabbli ghall-hsarat u danni li sofriet is-socjeta` attrici u dana minhabba negligenza, traskuraggini, imperizja, imprudenza u nuqqas ta’ hila fl-ezercizzju tal-professjoni taghha;

c) jigu likwidati d-danni sofferti mis-socjeta` attrici, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi, u dana fl-ammont li sejjer jirrizulta ta’ USD114.138,50;

d) li s-socjeta` konvenuta tigi kundannata thallas dawk id-danni li jigu hekk likwidati bhala sofferti mis-socjeta` attrici – kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mill-13 ta’ Ottubru 1995 u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ zewg protesti gudizzjarji presentati f’Novembru 1995 u fil-20 ta’ Marzu 1997 kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni taghha.

B’nota pprezentata fit-22 ta’ April, 1998 is-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. Illi preliminarjament is-socjeta` attrici trid tipprova li hija l-proprjetarja tal-vapur “Island Seaway”.

2. Illi fil-meritu l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-esponenti kkonsenjat fuel oil ta’ kwalita` tajba u ta’ dik pattwita u dan kif jirrizulta wkoll mill-kampjuni tal-istess kumpannija li jinsabu fil-pussess tal-esponenti, kif ukoll mis-survey u analizi tal-kampjuni.
3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost jigi eccepit ukoll li l-esponenti kkonsenjat l-istess prodott lil diversi vapuri ohra bla ebda ilmenti.
4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost jigi eccepit ukoll li l-esponenti ma kkawzat ebda danni stante li hija agixxiet professjonalment fil-qadi tal-inkarigu taghha u d-danni reklamati huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li dawn jikkonsistu f’manutenzjoni normali u/jew konverzjoni inadatta tal-makni tal-vapur maghmula mis-sidien jew sidien precedenti.
5. Illi wkoll l-esponenti hija assigurata fuq din il-‘claim’ mad-ditta assikuratrici estera Lloyds Underwriters li qieghda tigi rapprezentata f’Malta minn Bain Hogg Malta Limited u ghalhekk dawn jew min minnhom ghandhom jigu kjamati fil-kawza ghal kull interess li jista` jkollhom.

Is-socjeta` konvenuta intavola wkoll kontro-talba flimkien man-nota tal-eccezzjonijiet fejn ppremettiet:-
1. Billi fit-30 ta’ Awissu, 1995, 12 ta’ Settembru, 1995 u 26 ta’ Settembru, 1995 l-esponenti bieghet u kkonsenjat lis-socjeta` attrici fuel oil u gas oil tramite s-socjeta` Bunkering Brokers Limited versu l-prezz fl-ekwivalenti ta’ flus Maltin ta’ tlettax-il elf tmien mija u dsatax-il dollari Amerikani u tmienja u ghoxrin centezmi (USD13,819.28) jew ammont verjuri kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza(Dok A,B u C);
2. illi s-socjeta` attrici ghalkemm interpellata anke ufficjalment biex thallas dan id-debitu baqghet inadempjenti;
dan premess is-socjeta` konvenuta talbet li dik il-Qorti:-
1. tiddikjara illi s-socjeta` attrici hija debitrici taghha wara bejgh u konsenja ta’ “fuel oil”;
2. tillikwida l-ammont dovut mis-socjeta` attrici lill-esponent fl-ammont ta’ tlettax-il elf tmien mija u dsatax-il dollari Amerikani u tmienja u ghoxrin centezmi (USD13,819.28) jew somma verjuri;

3. tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lill-esponenti s-somma likwidata fit-tieni talba bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

B’nota pprezentata fis-27 ta’ Mejju, 1998 b’risposta ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici eccepiet illi l-ammont pretiz mis-socjeta` konvenuta, kif dedott fil-kontro-talba, qatt ma kien in kontestazzjoni u ma thallasx purament u stante it-talba attrici f’dawn il-proceduri.

Fl-udjenza tat-23 ta’ Gunju, 1999 is-socjeta` konvenuta ddikjarat li qed tirtira il-hames eccezzjoni taghha u cioe` dik dwar il-kjamata in kawza tas-socjeta` assikuratrici.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fid-19 ta’ Ottubru, 2004 billi, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet it-talbiet tas-socjeta` attrici u laqghat il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta w ikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta daqskemm jiswew fi flus maltin tlittax-il elf, tmien mija u dsatax-il dollaru amerikan u tmienja u ghoxrin cent ($13,819.28), flimkien ma l-imghax legali minn dakinhar tal-konsenja sa meta jsir il-hlas. Bl-ispejjez kollha tal-kawza u tar-rikonvenzjoni ghandha thallashom is-socjeta` attrici, u dana wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

“Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza graw hekk:

“Is-socjeta` attrici xtrat il-bastiment *Island Seaway* minghand sidien fl-Awstralja u, meta l-bastiment wasal Malta, inghata *fuel oil* illi s-socjeta` attrici xtrat minghand is-socjeta` konvenuta. Ghalkemm is-socjeta` attrici tghid illi l-bastiment ghamel il-vjagg bejn l-Awstralja u Malta minghajr problemi, hekk kif beda jahraq iz-zejt li nxtara minghand is-socjeta` konvenuta l-makni bdew jehlulu u kellu jaqleb ghal *diesel oil* minflok il-*fuel oil* tas-socjeta` konvenuta.

"Ladarba l-problemi bdew hekk kif il-bastiment beda jahdem fuq il-*fuel oil* tas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici ikkonkludiet illi dak iz-zejt ma kienx tajjeb, u talbet lis-socjeta` konvenuta biex tiehdu lura. Is-socjeta` konvenuta, biex takkomoda lill-attrici, li kienet tqisha bhala klijient tajjeb, hadet iz-zejt lura u, wara li hadet kampjuni, billi deherilha li ma kellu xejn hazin, tefghetu lura fit-tankijiet taghha.

"Is-socjeta` attrici qabbdet lil min jaghmel xoghol ta' tiswija u tindif fil-makni biex il-bastiment jkun jista` jkompli jbahhar, u, billi l-partijiet ma qablux dwar jekk kienx tassew iz-zejt tas-socjeta` konvenuta li ghamel il-hsara, kemm wahda kif ukoll l-ohra qabbdu *surveyor* biex isegwi x-xogholijiet. Is-*surveyor* imqabbad mis-socjeta` attrici, l-Inginier Paul Cardona, kien tal-fehma illi lill-makni tal-bastiment saritilhom hafna hsara minhabba fil-kwalita` hazina taz-zejt[1]. Is-*surveyor* imqabbad mis-socjeta` konvenuta, l-inginier Daniel Grima, kien tal-fehma illi ma saritx hsara u illi x-xogholijiet li saru fuq il-bastiment kienu xogholijiet ta' manutenzjoni li trid issir perjodikament[2].

"Il-partijiet qabbdu wkoll lil min jaghmlilhom analisi fuq kampjuni taz-zejt.

"Is-socjeta` attrici baghtet kampjun il-*Laboratorio Chimico Merceologico Dott. Giorgio Cosulich & C. S.A.S* fl-Italia, u dan irrapporta illi "*the extremely high content of catalytic fines (Silicon and Aluminium) must have for sure provoked serious damages to the running of the Diesel Engines as well as (sic) the evident instability of the bunker must have caused troubles and damages during the use of the bunker*"[3].

"Il-kampjuni li fuqhom saret din l-analisi ma ttehdux fil-prezenza tar-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta, u lanqas l-analisi ma saret quddiemha.

---

1 Foll. 63 et seqq.
2 Fol. 131
3 Fol. 85

"Is-socjeta` konvenuta wkoll baghtet kampjuni ghand *Saybolt Malta Limited* ghall-analisi. Dawn il-kampjuni kienu issigillati u nfethu l-laboratorju fil-prezenza ta' rapprezentanti taz-zewg partijiet, li wkoll iffirmaw illi s-sigilli nkisru quddiemhom[4]. Ir-rizultat ta' din l-analisi kien illi z-zejt kien ta' kwalita` tajba hlief illi kellu kwantita` gholja ta' *sediment*[5].

"Ir-rizultat ghalkollox inkompatibbli ta' l-analisi maghmula fil-laboratorju taljan meta mqabbla ma' dak ta' l-analisi maghmula minn *Saybolt* juri car illi l-kampjuni li fuqhom saret l-analisi ma ittiehdux mill-istess konsenja. Ebda wiehed mill-kampjuni ma jaghti garanzija assoluta ta' genwinita`, izda, filwaqt illi l-kampjuni tas-socjeta` attrici ttiehdu u kienu analizzati minghajr l-intervent tas-socjeta` konvenuta, dawk tas-socjeta` konvenuta – ghalkemm jidher li meta kienu issiggillati ma kien hemm hadd ghas-socjeta` attrici, ghax is-sigilli ma kinux iffirmati mir-rapprezentanti taghha – infethu fil-prezenza ta' rapprezentant tas-socjeta` attrici li iffirma illi "*samples were received in good order and with their seals intact*"[6]. X'aktarx illi r-rapprezentant tas-socjeta` attrici ma kienx jiffirma li kieku kellu xi dubju dwar l-awtenticita` tal-kampjuni.

"Huwa fuq is-socjeta` attrici l-oneru li taghmel il-prova illi z-zejt kien ta' kwalita` hazina, izda ma jistax jinghad illi din il-prova saret bis-sahha tar-rapport tal-laboratorju *Cosulich*. Il-metodu kif ittiehdu l-kampjuni u kif saret l-analisi ma jaghti ebda garanzija ta' genwinita` u l-qorti ma tistax toqghod fuqu, aktar u aktar meta tqabblu mar-rizultat kontrastanti ta' l-analisi li saret minn *Saybolt* fil-presenza tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici.

"Is-socjeta` attrici izda qieghda tistrieh ukoll fuq l-argument illi *post hoc ergo propter hoc*: kien minnufih wara li l-bastiment beda jahraq iz-zejt tas-socjeta`

---

4 Fol. 124[c]

5 Ara xhieda ta' David Andrew Gauci fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2004, *foll.* 280 *et seqq.*

6 *Fol.* 124

konvenuta li nqalghu l-problemi; *ergo* il-problemi holoqhom iz-zejt tas-socjeta` konvenuta.

"Fil-fehma tal-qorti, biex tqis is-sahha ta' dan l-argument huma relevanti hafna zewg fatturi:

"1. is-socjeta` attrici ma ipproducietx il-*log* tal-bastiment relativ ghaz-zmien meta qam dan l-episodju, ghalkemm il-*log* intalab mis-*surveyor* tas-socjeta` konvenuta[7].

"Id-direttur tas-socjeta` attrici qal illi l-*log* ghal dak iz-zmien partikolari ma nstabx, ghalkemm instab dak ghaz-zmien ta' qabel u ta' wara. Xehed ukoll illi "kwazi konvint"[8] li l-*log* inghata lis-socjeta` konvenuta. Il-qorti ma hijiex wisq konvinta b'din l-istqarrija. Is-socjeta` attrici kienet x'aktarx taghti kopja tal-*log* mhux l-original, u l-original kien jibqa' fuq il-bastiment u kien jinstab. Aktar temmen illi, ghal xi raguni jew ohra, il-*log* inzamm mistur.

"Dan johloq suspett fuq kemm tista' toqghod fuq ix-xhieda tas-socjeta` attrici, u s-suspett jissahhah meta tqis flimkien l-episodju tal-*log* li ma nstabx u tal-kampjuni mhux genwini.

"Hemm biss il-kelma tas-socjeta` li l-problemi bdew biss wara li beda jinharaq iz-zejt tas-socjeta` konvenuta. Il-qorti ma thossx li tista' b'serenita` toqghod fuq din ix-xhieda.

"2. wara dan l-episodju l-bastiment beda jithaddem b'zejt ferm aktar raffinat, b'viskozita` anqas.

"Dan juri illi x'aktarx il-problemi nqalghu mhux ghax iz-zejt tas-socjeta` konvenuta ma kienx tajjeb izda ghax is-socjeta` attrici kienet thaddem il-bastiment b'zejt li ma kienx jaqbel ma' dak li kienu jehtiegu l-makni. Fi kliem iehor, iz-zejt mhux ma kienx tajjeb fih innifsu izda ma kienx tajjeb ghal dawk il-makni.

"Rajna illi z-zejt li s-socjeta` konvenuta hadet lura minn fuq il-bastiment rega' thallat ma' l-*istock* taghha u nbigh lil

[7] *Fol.* 126[a].

[8] Ara xhieda ta' Adrian Mifsud fis-seduta tat-28 ta' Frar 2003, *fol.* 252.

klijenti ohrajn, u s-socjeta` konvenuta ma kellhiex rapporti ta’ problemi ohra b’dak iz-zejt.

“Il-qorti ghal dawn ir-ragunijiet hija tal-fehma illi lis-socjeta` attrici ma sehhilhiex illi turi li tassew is-socjeta` konvenuta ikkonsenjat zejt ta’ kwalita` hazina. Ghalhekk, it-talbiet tas-socjeta` attrici ma jistghux jintlaqghu.

“Nghaddu issa biex inqisu l-kontro-talba.

“Rajna mill-eccezzjoni ghall-kontro-talba illi s-socjeta` attrici ma hijex qieghda tichad li ghandha taghti daqskemm titlob is-socjeta` konvenuta, u ma halsitx biss ghax stenniet illi dak li ghandha taghti jkun pacjut ma’ somma akbar li tigi likwidata favur taghha bhala danni. It-talba ghal-likwidazzjoni tad-danni, izda kif rajna, hija michuda, u ghalhekk ma saret ebda tpacija.

“Il-kontro-talba ghalhekk ghandha tintlaqa’.”

Dakinhar li giet pronunzjata s-sentenza fuq riportata l-istess Qorti tat zewg provvedimenti. L-ewwel provvediment jikkoncerna talba “tas-socjeta` attrici, maghmula waqt is-seduta tat-28 ta’ Frar 2003, biex jitnehha mill-inkartament l-*affidavit* mahluf minn David John Heath fid-19 ta’ Frar 2002 “ghar-raguni li jikkontjeni *statements* li ma jafhomx *di scienza propria* imma huma biss konkluzjonijiet bazati fuq imformazzjoni li huwa gabar minghand haddiehor”. F’dan ir-rigward il-Qorti osservat li “Jekk tassew l-*affidavit* fih stqarrijiet bhal dawk, ifisser biss illi dawk l-istqarrijiet ma jaghmlux l-ahjar prova li trid il-ligi u ghalhekk il-qorti tiskartahom u ma toqghodx fuqhom. Ma jfissirx izda illi dak kollu li qal ix-xhud ghandu jigi skartat. Il-Qorti ghalhekk, waqt illi tosserva illi l-valutazzjoni tax-xhieda ta’ David John Heath ghandha ssir fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula fuq, tichad it-talba biex l-*affidavit* jitnehha mill-inkartament. Fin-nota taghha ta’ l-14 t’April 2004 is-socjeta` attrici qalet illi l-*affidavit* ghandu jitnehha mill-inkartament ukoll ghax David John Heath ma hux dikjarat fil-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta. Din l-istqarrija s-socjeta` attrici ghamlitha b’nuqqas ta’ responsabbilita`, ghax ix-xhud huwa dikjarat b’ismu fil-

hames paragrafu tal-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta."

It-tieni provvediment huwa dwar "talba tas-socjeta` attrici, maghmula b'rikors tas-16 ta' Frar 2004, biex il-qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex is-socjeta` attrici terga' taghmel kontro-ezami lil xhieda mressqa mis-socjeta` konvenuta fuq dokumenti li, ghalkemm kienu fl-atti, is-socjeta` attrici ma kellhiex kopja taghhom." Dwar din it-talba l-ewwel Qorti qalet hekk:
"Il-kontro-ezami tax-xhieda sar fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2004; id-dokumenti msemmija fir-rikors kienu esebiti fl-atti b'nota tal-20 ta' Mejju 2002, aktar minn sena qabel. Dak iz-zmien kienu ghadhom ma dahlux fis-sehh l-emendi maghmula bl-att XXXI ta' l-2002, li jridu li kopja ta' dokumenti esebiti minn parti tkun notifkata lill-parti l-ohra. Is-socjeta` attrici kellha zmien bizzejjed biex tara x'atti hemm fil-process; minflok, ezaminat il-process dakinhar stess meta kellu jsir il-kontro-ezami u ippretendiet illi l-Qorti kellha thassar l-appuntament li kien ilu li nghata mit-28 ta' Frar 2003, kwazi sena qabel, u taghtiha appuntament iehor sabiex ikollha zmien tezamina d-dokumenti qabel ma taghmel il-kontro-ezami. Il-Qorti tistenna l-ko-operazzjoni tal-partijiet fil-kawza biex tinqeda sew bil-hin, ma jinhlewx appuntamenti u l-kawzi ma jitwalux ghalxejn. Ma tistax tippermetti li jinhela hin biex parti taghmel dak li kien imissha ilha li ghamlet. Ghal din ir-raguni l-qorti tichad it-talba maghmula bir-rikors tas-16 ta' Frar 2004."

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u b'hekk b'rikors intavolat fil-5 ta' Novrmbru, 2004 talbet "*illi din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens illi [1] tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici wara li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u [2] b'hekk tghaddi biex tiddikjara li s-socjeta` konvenuta bieghet zejt lis-socjeta` attrici li ma kienx tajjeb u [3] tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni u [4] tikkundannaha thallas dawk id-danni fl-ammont ta' liri maltin ekwivalenti*

*ghall-$114,138.50 bl-imghax kif mitlub [5] tirrevoka is-sentenza appellata in kwantu laqghet il-kontro-talba [6] tirrevoka id-Digriet moghti fil-19 ta' Ottubru 2004 li fih cahdet it-talba tas-socjeta` appellanti li tikkontro-ezamina lix-xhud Heath u konsegwentement tilqa' l-istess talba ghall-kontro-ezami u jew li ma taccettax l-istess affidavit bhala prova valida ta' din il-kawza – bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.*"

Il-kontro-parti ipprezentat risposta ghar-rikors ta' l-appell tas-socjeta` attrici fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet, anke ghax is-sentenza hija gusta u b'hekk timmerita konferma, li l-appell jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn ghandu jinghad li s-socjeta` attrici appellanti ma intavolat ebda appell mid-digriet tad-19 ta' Ottubru, 2004 fejn giet michuda it-talba tal-istess socjeta` ghall-isfilz tal-affidavit mahluf minn David John Heath, konsegwentement dan id-dokument ghandu jaghmel prova u t-talba *in extremis* tas-socjeta` appellanti li din il-Qorti "*ma taccettax l-istess affidavit bhala prova valida ta' din il-kawza*" ma ghandha ebda validita` u ghalhekk ser tigi michuda.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-appell mid-digriet, ukoll tad-19 ta' Ottubru, 2004, li permezz tieghu giet michuda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex, skond l-istess socjeta` appellanti, isir il-"*kontro-ezami lix-xhud Heath*" ghandu jigi osservat, fl-ewwel lok, li t-talba kontenuta fir-rikors ipprezentata mis-socjeta` attrici fis-16 ta' Frar, 2004[9] kienet "*illi din il-Qorti joghgobha tissospendi il-prolazzjoni tas-sentenza, tqabbad espert in materja sabiex jghinha tasal ghall-konkluzjoni taghha fuq l-istess materja, tippermetti lill-attur sabiex jaghmel il-kontro-ezami tal-esperti imqabbda mill-konvenut biex b'hekk il-Qorti ikollha stampa aktar cara u perfetta* …." Minn dan jidher li t-talba

[9] Fol. 300 tal-process

tas-socjeta` attrici kontenuta fir-rikors hawn fuq imsemmi kienet ferm aktar vasta minn dak li qed jinghad fir-rikors tal-appell u sahansitra fit-talba finali fl-istess rikors.

Issa f'dan ir-rigward jinghad li fl-udjenza tat-28 ta' Frar, 2003 quddiem il-Qorti ta' Prim Istanza, wara li gie verbalizzat li d-difensur tas-socjeta` attrici "*jitlob li jitnehha mill-inkartament l-affidavit mahluf minn David John Heath fid-19 ta' Frar, 2002 ….*" (liema dikjarazzjoni turi li l-istess difensur u sahansitra rapprezentant tas-socjeta` minnu patrocinata li kien prezenti, kienu hadu konjizzjoni tal-istess affidavit) il-kawza giet differita "*sabiex jinstemghu x-xhieda Daniel Grima u David Andrew Gauci u <u>jekk ikun il-kaz David John Heath</u> ghat-13 ta' Jannar, 2004….*" Biss jirrizulta li fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2004 dan l-istess Heath la gie mharrek mis-socjeta` attrici biex isir il-kontro-ezami tieghu u lanqas ma deher biex jixhed. U billi dik id-data kienet appuntata biex jinghalaq il-gbir tax-xhieda, il-Qorti halliet l-kawza ghas-sentenza bil-fakolta` lill-partijiet li jaghmlu l-osservazzjonijiet taghhom.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tigi milqugha t-talba tas-socjeta` appellanti fir-rigward ta' dan id-digriet billi l-istess socjeta` kellha kull opportunita` li tressaq dan ix-xhud Heath sabiex isirlu l-kontro-ezami sa minn kwazi sena qabel d-data tal-appuntament meta gew maghluqa l-provi. Dan l-aggravju ghalhekk ma jidhirx gustifkat u ser jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mertu jidher li dak li qed jinghad fir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` attrici jammonta ghal talba sabiex din il-Qorti tiddisturba l-konkluzzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti sew ghal dak li jikkoncerna t-talba principali sew ghad-decizjoni fuq il-kontro-talba.

Ezaminati l-atti u l-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssib ebda raguni li tilqa' din it-talba. Hija massima legali li minn jallega jrid jipprova u ghalhekk kien mistenni li s-socjeta` attrici tipprova li effettivament is-socjeta` konvenuta kienet beghtilha "*fuel oil*" hazin b'mod

li gew kkawzati danni fil-makni tal-bastiment tas-socjeta` attrici. Biss din il-Qorti tikkondividi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti li s-socjeta` attrici naqset milli taghmel din il-prova billi hemm konflitt serju bejn l-konkluzzjonijiet tal-esperti teknici ossia "surveyors" imqabbda mill-partijiet rispettivi u tad-ditti li gew inkarigati, ukoll mill-partijiet rispettivi, biex jaghmlu l-analizi taz-zejt in kwistjoni. Fid-dawl ta' dawn il-konflitti kienet korretta l-ewwel Qorti li tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u b'hekk ghaddiet biex cahdet it-talbiet attrici – konkluzjoni li din il-Qorti tabbraccja u taghmel taghha.

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta` attrici qedha wkoll tissottometti li hi ma ghandha taghti xejn lis-socjeta` konvenuta hekk kif intalab fil-kontro-talba billi, skond hi, z-zejt mibjugh gie ritornat lis-socjeta` konvenuta. Din il-Qorti ma tistax tifhem dan l-aggravju billi min-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta jidher bl-aktar mod car li l-ammont reklamat ma kienx qed jigi kontestat u li ma kienx thallas semplicement ghax kien mistenni li t-talba principali tas-socjeta` attrici tigi milqugha u b'hekk jkun hemm tpacija. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` attrici qed jigi michud fit-totalita` tieghu u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta' din l-istanza a kariku tas-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------